MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-6 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 1248/2007

Fl-atti tar-Rikors dwar stralċ tal-kumpannija fl-ismijiet

Anthony **NICHOLL** u Patrick Nicholl

vs

***Interpharma Company Limited (C-7674)***

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Anthony u Patrick Nicholl fit-28 ta' Novembru, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, huma talbu li din il-Qorti tagħti Ordni ta' Stralċ fil-konfront tal-kumpannija Interpharma Company Limited

skond id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 214(2)(b)(iii) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Liġijiet ta’ Malta);

Rat in-Nota mressqa minn Anthony u Malcolm Muscat fl-14 ta’ Jannar, 2008, li biha u fil-kwalita’ tagħhom ta’ azzjonisti tal-istess kumpannija (Anthony Muscat għandu wkoll il-kariga ta’ direttur) opponew għat-talba kif imressqa;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta’ Jannar, 2008, li bih ordnat lir-rikorrenti jressqu l-provi tagħhom bil-meżż tal-affidavit;

Rat ir-Rikors imressaq minn Anthony u Malcolm Muscat b’urġenza fl-4 ta’ Marzu, 2008[1], li bih talbu l-ħatra ta’ amministratur provviżorju għall-kumpannija, għal liema talba r-rikorrenti wieġbu b’Risposta mressqa fid-9 ta’ Marzu, 2008, li fiha, fost l-oħrajn, qanqlu l-kwestjoni dwar jekk Anthony u Malcolm Muscat għandhomx il-*locus standi* li jagħmlu talba bħal dik fi proċedura bħal din;

Rat in-Nota ulterjuri mressqa mill-imsemmija Anthony u Malcolm Muscat fil-kwalita’ tagħhom premessa fil-5 ta’ Marzu, 2008[2];

Rat id-degriet kamerali tagħha tat-13 ta’ Marzu, 2008[3], li bih ħatret lill-Avukat Stefano Filletti bħala amministratur proviżorju tal-imsemmija kumpannija, bil-kundizzjonijiet hemm imfissra;

Rat il-provi bl-affidavit u dawk dokumentali mressqin mir-rikorrenti;

Rat l-atti l-oħrajn kollha, magħduda r-rapporti *interim* imressqin mill-amministratur provviżorju fid-9 ta’ April, 2008[4], u fit-28 ta’ Jannar, 2009[5];

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tat-3 ta’ Frar, 2009, mill-Avukat Adrian Delia f’isem Anthony u

[1] Paġġ. 27 – 8 tal-proċess
[2] Paġġ. 23 – 4 tal-proċess
[3] Paġġ. 35A – 35D tal-proċess
[4] Paġġ. 76 sa 93 tal-proċess
[5] Paġ. 350 tal-proċess

Malcolm Muscat, li biha tneħħiet ir-riżerva għat-talba tar-rikorrenti Nicholl biex il-kumpannija titqiegħed fi proċess ta' stralċ;

Għal dawn ir-raġunijiet, wara li qieset dawn il-fatti u kif ukoll l-artikoli 235 u 305 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif qiegħed jingħad hawn taħt:

1. Taħtar bħala stralċjarju tal-istess kumpannija rikorrenti lill-Avukat Dottor Stefano Filletti ta' 7, Triq San Kristofru, Valletta, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, inkluża, imma mhux limitatament, ir-rappreżentanza ġuridika tal-istess Kumpannija;

2. Illi, għall-finijiet tal-artikolu 263 tal-Kap 386, u b'żieda ma' dawk is-setgħat imsemmija fl-artikolu 238, l-imsemmi stralċjarju qiegħed jingħata s-setgħa li jwettaq l-għemejjel hemm imsemmija kif jidhirlu xieraq hu, iżda mhux qabel ma jkun għarraf lill-Qorti minn qabel permezz ta' Nota fl-Att ta' dan ir-Rikors;

3. Illi, għall-finijiet ta' dan id-Degriet, il-Qorti qegħda torbot li l-istess stralċjarju li m'għandu jwettaq l-ebda delega tas-setgħat jew funzjonijiet tiegħu skond dan id-Degriet u skond il-liġi, qabel ma jkun kiseb il-permess minn din il-Qorti fuq talba mressqa għal dan il-għan b'rikors;

4. Tordna lill-istralċjarju sabiex, għall-finijiet tal-artikolu 240 tal-Kap 386, iżomm dak it-tagħrif dokumentat u dawk il-kotba tat-twettiq tal-amministrazzjoni tiegħu u li jressaqhom (jew kopji awtentikati taghhom) għall-eżami tal-Qorti kull meta, mqar b'Degriet mogħti taħt l-artikolu 173 tal-Kap 12, jintalab li jagħmel dan;

5. Tordna lill-istralċjarju jsejjaħ u jżomm dawk il-laqgħat mal-kredituri skond kif imfisser fl-artikolu 296 tal-Kap 386, biex jiġu indirizzati l-kwestjonijiet kollha marbuta mal-istralċ;

6. Tordna lill-istralċjarju biex, sa żmien tliet (3) xhur kalendarji mid-data ta' din l-Ordni, iressaq rapport aġġornat ta' dak kollu li jkun wettaq a tenur ta' dan id-Degriet; u,

7. Fl-aħħarnett, u filwaqt li żżomm sħiħa s-setgħa tagħha li tibdel u żżid ma' l-ordnijiet mogħtija bis-saħħa ta' dan id-Degriet skond ma jkunu jitolbu ċ-ċirkostanzi, tordna lill-istralċjarju li jagħmel magħrufa dawn l-ordnijiet lil kull min għandu interess għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Dan id-Degriet ingħata llum, is-sitta (6) ta' Frar, 2009.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------